

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Magna) tad-19 ta' Marzu 2013 — Bouygues SA, Bouygues Télécom SA vs Il-Kummissjoni Ewropea et, Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Franċiża vs Bouygues SA et (C-401/10 P)**

(Kawżi magħquda C-399/10 P u C-401/10 P)<sup>(1)</sup>

**(“Appelli — Għajnuna mill-Istat — Miżuri finanzjarji favur France Télécom — Proġett ta' self minn azzjonist — Dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' membru tal-gvern Franċiż — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u ma tordnax l-irkupru tagħha — Kunċett ta' għajnuna mill-Istat — Kunċett ta' vantaġġ finanzjarju — Kunċett ta' impenn tar-riżorsi tal-Istat”)**

(2013/C 156/02)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

(Kawża C-399/10 P)

**Appellant:** Bouygues SA, Bouygues Télécom SA (rappresentanti: C. Baldon, J. Blouet-Gaillard, J. Vogel, F. Sureau u D. Theophile, avvocati)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappresentanti: C. Giolito, D. Grespan u S. Thomas, aġenti), Ir-Repubblika Franċiża (rappresentanti: G. de Bergues u J. Gstalter, aġenti), France Télécom SA (rappresentanti: inizjalment minn S. Hautbourg, S. Quesson u L. Olza Moreno, avvocati, sussegwentement minn S. Hautbourg u S. Quesson, avvocati), Association française des opérateurs de réseaux et services de télécommunications (AFORS Télécom)

**Intervenjenti insostenn tar-Repubblika Franċiża:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappresentanti: T. Henze u J. Möller, aġenti, assisti minn U. Soltész, avvocat)

(Kawża C-401/10 P)

**Appellant:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappresentanti: C. Giolito, D. Grespan u S. Thomas, aġenti)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** Ir-Repubblika Franċiża (rappresentanti: G. de Bergues u J. Gstalter, aġenti), Bouygues SA, Bouygues Télécom SA (rappresentanti: C. Baldon, J. Blouet-Gaillard, J. Vogel, F. Sureau u D. Theophile, avvocati), France Télécom SA (rappresentanti: inizjalment minn S. Hautbourg, S. Quesson u L. Olza Moreno, avvocati, sussegwentement minn S. Hautbourg u S. Quesson, avvocati), Association française des opérateurs de réseaux et services de télécommunications (AFORS Télécom)

**Intervenjenti insostenn tar-Repubblika Franċiża:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappresentanti: T. Henze u J. Möller, aġenti, assisti minn U. Soltész, avvocat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Mejju 2010 (T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04), li permezz tagħha l-Qorti Ġeneral annullat l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/621/KE, tat-2 ta' Awwissu 2004, dwar l-għajnuna mill-Istat implementata minn Franzia favur France Télécom (ĠU L 257, p. 11) — Klassifikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet magħmulu minn membru tal-gvern u tal-ħlas bil-quddiem minn azzjonarju bħala “għajnuna”

**Dispożittiv**

- (1) Is-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Mejju 2010, Franzia et vs Il-Kummissjoni (T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04), hija annullata.
- (2) Il-Kawżi T-425/04, T-444/04 u T-450/04 huma rrinvijati quddiem il-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea sabiex din tkun tista' tiddeċiedi fuq l-aggravji mqajma quddiemha u li dwarhom il-Qorti tal-Ġustizzja ma prronunciatx ruħha.
- (3) L-ispejjeż huma rriżervati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 317, 20.11.2010